MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2012

Numru. 369/2011

Il-Pulizija
(Sp James Grech)
vs
Miriam Caruana, bint Sally (Salvina) Caruana, imwielda Pieta' fl-20 ta' Novembru, 1983, karta ta' l-identita numru 14784(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata:
1. talli fis-26 ta' Frar, 2011 għal ħabta tal-11.00 a.m. ġewwa l-ħanut bl-isem 'Expo', Triq San Gwann, Valletta ikkomettiet serq ta' flus kkontanti tal-valur li jeċċedi l-ammont ta' €23.29 iżda anqas minn €232.94, liema serq hu aggravate bil-mezz għad-dannu ta' Paul Sciberras;
2. talli fit-28 ta' Frar, 2011 għal ħabta tas-6.00 p.m. ġewwa l-ħanut bl-isem 'Alsons Gift Shop', Savoy Arcades, Level -1, Triq San Gwann, Vallettta kkomettiet serq ta' flus

kontanti ta’ valur li jeċċedi €232.94 iżda anqas minn €2,329.37, liema serq hu aggravat bil-valur u bil-mezz għad-dannu ta’ Godwin Pule’;

3. talli b’hekk għamlet reat li għalih hemm il-piena ta’ priġunerija, waqt perjodu operattiv ta’ sentenza ta’ tlett xhur priġunerija sospiżi għal sentejn mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati b’sentenza tat-8 ta’ Ottubru, 2010;

4. talli b’hekk għamlet reat li għalih hemm il-piena ta’ priġunerija waqt perjodu operattiv ta’ Ordni ta’ Probation għal żmien tlett snin li ġiet imposta fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati b’sentenza tal-15 ta’ Diċembru, 2009;

5. talli saret reċidiva ta’ żewġ sentenzi mogħtija lilha mill-Qorti tal-Maġistrati, Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

6. talli kisret il-kondizzjonijiet tal-liberta’ provvisorja mposta fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati, kif presjeduta mill-Maġistrat Dr. M. Hayman, fl-10 ta’ Settembru, 2010, f’dan li ma tikkomettiex delitt ieħor ta’ natura volontarja waqt li tkun meħlusa mill-arrest u dan taħt garanzija personali ta’ €5,000 fost kondizzjonijiet oħra kif ordnat li tagħmel mill-istess Qorti.

Il-Qorti ġiet mitluba li tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tagħha u tordna l-arrest mill-ġdid ta’ l-imsemmijia mputata, kif ukoll tordna li s-somma ta’ €5,000 bħala garanzija personali, igħaddu favur il-Gvern ta’ Malta skont l-artikolu 579(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Ġunju, 2012 fejn il-prosekuzzjoni rtirat l-aggravju tal-mezz fl-ewwel akkuża u irtirat it-tielet u ir-raba’ akkuża miġjuba kontra tagħha billi diġja ġiet trattata dwar dawn iż-żewġ akkużi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Ġunju, 2012 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha, hekk kif riveduti.

Għaldaqstant, tiddikjara l-proċediment eżawrit għal dak li jirrigwarda it-tielet u ir-raba’ akkuża miġjuba kontra

tagħha. Issibha ħatja tal-akkużi l-oħra kollha minbarra l-aggravju tal-mezz fl-ewwel akkuża. Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(ċ), 263, 267, 278(1)(2), 285 u 579(2) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannaha għal piena ta' tnax (12) il-xahar priġunerija. Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ mhemmx lok għal konfiska tas-somma ta' €5,000 garanzija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------